

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/1184

tal-15 ta' Lulju 2021

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/471 (ATALANTA/4/2021)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta).
- (2) Fis-17 ta' Marzu 2021 il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/471 <sup>(2)</sup>, li taħtar lill-Viċi Ammirall Luca Pasquale ESPOSITO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Atalanta.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rakkomanda l-ħatra tal-Kaptan Alejandro CUERDA LORENZO bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE mill-4 ta' Awwissu 2021. L-awtoritajiet Spanjoli indikaw li l-Kaptan Alejandro CUERDA LORENZO ser jiġi promoss għal Viċi Ammirall mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (4) Fil-21 ta' Ġunju 2021 il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/471 titħassar.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

<sup>(1)</sup> ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/373 tal-17 ta' Marzu 2021 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1826 (ATALANTA/1/2019) (ĠU L 98, 19.3.2021, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Alejandro CUERDA LORENZO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mill-4 ta' Awwissu 2021.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/471 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-4 ta' Awwissu 2021.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2021.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

S. FROM-EMMESBERGER

---